Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 206/2009

tal-5 ta' Marzu 2009

dwar l-introduzzjoni fil-Komunità ta' kunsinni personali ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 136/2004

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 77, 24.3.2009, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 467/2013 tas-16 ta' Mejju 2013	L 135	5	22.5.2013
►M2	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2013 tal-21 ta' Frar 2013	L 158	74	10.6.2013
►M3	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1729 tal-15 ta' Novembru 2018	L 288	4	16.11.2018

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 206/2009

tal-5 ta' Marzu 2009

dwar l-introduzzjoni fil-Komunità ta' kunsinni personali ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 136/2004

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Is-Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistipula r-regoli rigward l-introduzzjoni fil-Komunità ta' kunsinni personali, ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, li mhumiex kummerċjali li jagħmlu parti mill-bagalja ta' min jivvjaġġa, jew li jintbagħtu f'kunsinni żgħar lil persuni privat, jew li huma ordnati mill-bogħod (pereżempju, bil-posta, bit-telefown jew permezz tal-Internet) u mwassla lill-konsumatur.

2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal kunsinni personali mill-Andorra, il-Liechtenstein, in-Norveġja, San Marino u l-Iżvizzera. Barra minn hekk, dan ir-Regolament ma għandux japplikaw għall-kunsinni personali tal-prodotti tas-sajd mill-Gżejjer Faeroe u l-Iżlanda. Biex jiġi żgurat li tingħata informazzjoni eżatta lill-passiġġieri, dawn il-pajjiżi terzi għandhom jiġu indikati bħala pajjiżi eżenti fil-materjal pubbliċitarju relevanti kollu.

3. Dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr ħsara għal-leġiżlazzjoni veterinarja Komunitarja li għandha bħala għan tagħha l-kontroll u l-qerda tal-mard tal-annimali, jew li tikkonċerna ċerti miżuri ta' ħarsien.

4. Dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr ħsara għar-regoli rilevanti dwar l-iċċertifikar li jinsabu fi ħdan il-leġiżlazzjoni li timplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni tal-ispeċi ta' fawna u flora slavaġġ billi jirregolaw il-kummerċ fiha.

Artikolu 2

Regoli rigward l-introduzzjoni fil-Komunità ta' kunsinni personali ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali

1. Il-kunsinni personali tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali, għall-konsum personali mill-bniedem, kif imsemmi fl-Artikolu 16(1)(a), (b), u (d), u fl-Artikolu 16(4) tad-Direttiva 97/78/KE, ma għandhomx ikunu suġġetti għar-regoli stipulati fil-Kapitolu I ta' dik id-Direttiva, dment li huma jagħmlu parti minn waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin:

(a) Il-prodotti elenkati fil-Parti 1 tal-Anness I u mhumiex koperti mill-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni 2007/275/KE, u li l-kwantità konġunta tagħhom ma taqbiżx il-limitu fil-piż ta' 0 kilogrammi;

(b) Il-Prodotti elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II u l-kwantità konġunta tagħhom ma taqbiżx il-limitu fil-piż ta' 2 kilogrammi;

(c) Prodotti tas-sajd imnaddfa mill-ġewwieni u friski jew ippreparati, jew prodotti tas-sajd ipproċessati, skont it-tifsira tal-punti 3.5, 3.6 jew 7.4 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, u l-kwantità konġunta tagħhom ma taqbiżx il-limitu fil-piż ta' 20 kilogramma jew il-piż ta' ħuta waħda, ikun liema jkun l-itqal piż;

▼B

(d) Prodotti għajr dawk imsemmija fil-Paragrafi (a), (b), (c) jew fl-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni 2007/275/KE, u li l-kwantità konġunta tagħhom ma taqbiżx il-limitu fil-piż ta' 2 kilogrammi.

2. Il-kunsinni personali ta' prodotti tal-annimali għall-għalf tal-annimali domestiċi, ma għandhomx ikunu suġġetti għar-regoli stipulati fil-Kapitolu I tad-Direttiva 97/78/KE, dment li huma jagħmlu parti minn waħda jew aktar minn dawn il-kategoriji:

(a) Prodotti elenkati fil-Parti 2 tal-Anness I u l-kwantità konġunta tagħhom ma taqbiżx il-limitu fil-piż ta' 0 kilogrammi;

(b) Prodotti elenkati fil-Parti 2 tal-Anness II u l-kwantità konġunta tagħhom ma taqbiżx il-limitu fil-piż ta' 2 kilogrammi.

3. Bħala deroga mill-Paragrafi 1(a), 1(b), 1(d) u 2, il-kunsinni personali tal-prodotti tal-annimali, li ġejjin ►M2 ——————— ◄, mill-Gżejjer Faeroe, Greenland jew l-Iżlanda, ma għandhomx ikunu suġġetti għar-regoli stipulati fil-Kapitolu I ta' dik id-Direttiva, dment li huma jagħmlu parti minn waħda jew aktar minn dawn il-kategoriji:

(a) Prodotti elenkati fl-Anness I u mhumiex koperti mill-Artikolu 6 (1) tad-Deċiżjoni 2007/275/KE, u li l-kwantità konġunta tagħhom ma taqbiżx il-limitu fil-piż ta' 10 kilogrammi;

(b) Prodotti elenkati fl-Anness II u l-kwantità konġunta tagħhom ma taqbiżx il-limitu fil-piż ta' 10 kilogrammi;

(c) Prodotti mhux imsemmija fil-Paragrafi 1 (c), 3(a), 3(b) ta' dan l-Artikolu jew fl-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni 2007/275/KE, u li l-kwantità konġunta tagħhom ma taqbiżx il-limitu fil-piż ta' 10 kilogrammi.

Artikolu 3

Tagħrif li għandu jingħata mill-Istati Membri lil min jivvjaġġa u lill-pubbliku ġenerali

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-punti relevanti kollha ta' dħul fil-Komunità, il-kundizzjonijiet veterinarji applikabbli għall-kunsinni personali introdotti fil-Komunità jiġi ppreżentati quddiem dawk li jivvjaġġaw li jaslu minn pajjiżi terzi.

2. It-tagħrif mogħti lil min jivvjaġġa skont il-paragrafu 1 għandu jinkludi mill-inqas it-tagħrif f'wieħed mill-posters stipulati fl-Anness III muri minn avviżi prominenti mqiegħda f'postijiet fejn jidhru faċilment.

3. L-Istati Membri jistgħu jikkomplimentaw dak it-tagħrif b'tagħrif supplimentari, inkluż:

(a) it-tagħrif imniżżel fl-Anness IV;

(b) tagħrif xieraq għall-kundizzjonijiet lokali, u bid-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħhom adottati skont id-Direttiva 97/78/KE.

4. It-tagħrif stipulat fil-paragrafi 2 u 3 għandu jitfassal:

(a) f'mill-inqas lingwa uffiċjali tal-Istat Membri ta' introduzzjoni fil-Komunità;

▼B

(b) it-tieni lingwa meqjusa xierqa mill-awtorità kompetenti; li t-tieni lingwa tista' tkun il-lingwa użata fil-pajjiż ġar jew, fil-każ tal-ajruporti jew il-portijiet, il-lingwa l-aktar probabbli li tintuża minn passiġġieri li jaslu hemm.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku ġenerali hu konxju mir-rekwiżiti rigward l-introduzzjoni fil-Komunità ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali li jintbagħtu f'kunsinni żgħar lil persuni privati jew li huma ordnati mill-bogħod mill-konsumaturi finali.

Artikolu 4

Tagħrif li għandu jintbagħat mill-operaturi tat-trasport tal-passiġġieri internazzjonali u mis-servizzi postali lill-klijenti tagħhom

L-operaturi tat-trasport tal-passiġġieri internazzjonali, kif ukoll l-operaturi tal-ajruport u tal-port u l-aġenziji tal-ivvjaġġar, kif ukoll servizzi postali se jiġbdu l-attenzjoni tal-klijenti tagħhom għar-regoli stipulati f'dan ir-Regolament, b'mod partikolari billi jipprovdulhom it-tagħrif stipulat fl-Annessi III u IV, kif stipulat fl-Artikolu 3.

Artikolu 5

Kontrolli

1. L-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti, u dawk li jagħmlu kontrolli uffiċjali, f'kooperazzjoni mal-operaturi tal-port u tal-ajruport u l-operaturi responsabbli għal punti ta' dħul oħra għall-kunsinni personali ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, se jorganizzaw kontrolli effettivi f'punti ta' dħul fil-Komunità.

2. Il-kontroli stipulat fil-paragrafu 1 se jimmiraw li jiskopru l-preżenza ta' kunsinni personali ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u biex jivverifikaw li l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2 huma ssodisfati.

3. Il-kontrolli stipulati fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu organizzati permezz ta' strateġija bbażata fuq ir-riskju, inkluż, jekk jitqies meħtieġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru, l-użu ta' għajnuniet ta' skoperta effettivi, bħal tagħmir tal-iskanjar u klieb imħarrġa, biex jeżaminaw volumi kbar ta' bagalji personali għall-preżenza ta' kunsinni personali ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali.

Artikolu 6

Il-pieni

1. L-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti, li jagħmlu kontrolli uffiċjali se:

(a) jidentifikaw il-kunsinni personali li qegħdin jiksru r-regoli stipulati f'dan ir-Regolament;

(b) jaħtfu u jeqirdu tali kunsinni skont il-liġi nazzjonali.

2. L-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti, li jagħmlu kontrolli uffiċjali, jistgħu jimponu spejjeż jew pieni għall-persuni responsabbli għal kwalunkwe kunsinna personali li tinstab fi vjolazzjoni tar-regoli stipulati f'dan ir-Regolament.

▼B

3. L-Istati Membri se jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-qbid u l-qerda tal-kunsinni personali tidentifika l-persuna naturali jew legali responsabbli għall-ispejjeż tal-qerda ta' kull kunsinna personali bħal din li tinqabad.

Artikolu 7

Obbligi ta' rappurtar

1. Kull sena, l-Istati Membri se jippreżentaw lill-Kummissjoni, rapport li jagħti taqsira tat-tagħrif rilevanti dwar il-miżuri meħuda biex jirriklamaw u jinfurzaw ir-regoli stipulati f'dan ir-Regolament, u fuq ir-riżultati tagħhom.

2. Ir-rapport se jkun fis-sura ta' tabella mimlija kif stipulat fl-Anness V, u għandu jitressaq sal-ewwel jum ta' Mejju fis-sena eżatt wara tmien kull perjodu ta' rappurtar annwali. Il-perjodu ta' rappurtar jibda mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru.

Artikolu 8

Emendi

L-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 136/2004 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 8

Regoli speċifiċi għal prodotti li jkunu fil-bagalji ta' min jivvjaġġa jew li jintbagħtu bħala kunsinni lil persuni privati

Prodotti li joriġinaw mill-annimali li jkunu fil-bagalja ta' min jivvjaġġa jew li jintbagħtu bħala kunsinni żgħar lil persuni privati għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1285/2008 (*).

_____

(*) ĠU L 77, 24.3.2009, p. 1."

Artikolu 9

Ir-revoka

Ir-Regolament (KE) Nru 745/2004 hu mħassar.

Referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jiġu mifhuma bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jiġu kkorrelati skont it-tabella li tinsab fl-Anness VII.

Artikolu 10

Id-dispożizzjonijiet ta' tranżizzjoni

L-Istati Membri jistgħu jippreżentaw lill-Kummissjoni tabella mimlija kif stipulata fl-Anness VI minflok l-Anness V kif meħtieġ fl-Artikolu 7, għall-perjodu ta' rappurtar qabel l-1 ta' Jannar 2011, mill-ewwel jum ta' Marzu fis-sena eżatt wara tmiem kull perjodu ta' rappurtar annwali, Il-perjodu ta' rappurtar jibda mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru.

▼B

Artikolu 11

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Mejju 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

IL-PARTI 1

Lista ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali kif imsemmi fl-Artikolu 2(1)(a)

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Kwalifika u spjega
ex Kapitolu 2 (0201-0210)	Laħam u ġewwieni li jittiekel	Jeskludi s-saqajn taż-żrinġijiet (kodiċi NM 0208 90 70)
0401-0406	Prodotti tal-ħalib	Kollha
0504 00 00	Imsaren, bżieżeq tal-urina u stonkijiet tal-annimali (għajr tal-ħut), sħaħ u biċċiet minnhom, friski, imkessħa, iffriżati, immellħa, fis-salmura, imqadda jew iffumugati.	Kollha, għajr l-imsaren
1501 00	Xaħam tal-majjal (inkluż il-lardu) u xaħam tat-tjur, għajr dak tat-titolu 0209 jew 1503.	Kollha
1502 00	Xaħmijiet ta' annimali tal-ifrat (bovini), tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, għajr dawk tal-intestatura 1503.	Kollha
1503 00	Xaħam stearina, żejt tax-xaħam, oleostearin, żejt oleo, żejt tax-xaħam ta' dam, li mhux emulsifikat jew imħallat jew imħejji b'xi mod ieħor.	Kollha
1506 00 00	Xaħmijiet u żjut oħra mill-annimali u l-frazzjonijiet tagħhom, irfinuti jew le, iżda mhux modifikati kimikament:	Kollha
1601 00	Zlazet u prodotti simili, tal-laħam, tal-ġewwieni tal-annimali jew tad-demm; preparazzjonijiet tal-ikel ibbażati fuq dawn il-prodotti.	Kollha
1602	Laħam ieħor, fdalijiet oħra tal-laħam jew demm ippreparati jew ippriservati.	Kollha
1702 11 00 1702 19 00	Lattożju u xropp tal-lattożju	Kollha
ex 1901	Estratt tax-xgħir; preparazzjonijiet ta' ikel tad-dqiq, ħafur, pasta, lamtu jew estratt tax-xgħir, li jkunx fihomx kawkaw jew li fihom anqas minn 40 %, bil-piż, kawkaw ikkalkulat fuq bażi kompletament bla xaħam, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra; preparazzjonijiet tal-ikel minn prodotti tal-intestaturi 0401 sa 0404, mingħajr kawkaw jew li fihom anqas minn 5 % bħala piż ta' kawkaw ikkalkolat kompletament bla xaħam, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra.	Dawk il-preparazzjonijiet biss li fihom il-laħam jew il-ħalib.
ex 1902	Għaġin, kemm jekk imsajjar u kemm jekk le jew mimli (bil-laħam jew xi sustanzi oħra) jew ippreparat mod ieħor, bħal spagetti, imqarrun, taljatelli, lażanja, injokki, ravjul, kannelloni; kuskus, ippreparat jew le.	Dawk il-preparazzjonijiet biss li fihom il-laħam jew il-ħalib.
ex 1905 90	Ħobż, għaġina, kejkijiet, gallettini u oġġetti oħrajn tal-furnara, li fihom il-kakaw jew le ostji għat-tqarbin, siġilli vojta ta' tip xieraq għall-użu farmaċewtiku, ostji għas-siġilli u prodotti simili.	Dawk il-preparazzjonijiet biss li fihom il-laħam jew il-ħalib.

▼B

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Kwalifika u spjega
ex 2004	Ħxejjex oħrajn ippreparati jew ippreservati mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku, iffriżati, ħlief prodotti taħt l-intestatura 2006.	Dawk il-preparazzjonijiet biss li fihom il-laħam jew il-ħalib.
ex 2005	Ħxejjex oħra ppreparati jew ippreservati mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku, mhux iffriżati, għajr il-prodotti tal-intestatura 2006.	Dawk il-preparazzjonijiet biss li fihom il-laħam jew il-ħalib.
ex 2103	Zlazi u preparazzjonijiet għal dan l-iskop; kondimenti mħallta u taħwir imħallat; dqiq u trab miżjun tal-mustarda u mustarda ppreparata.	Dawk il-preparazzjonijiet biss li fihom il-laħam jew il-ħalib.
ex 2104	Sopop u brodi u preparazzjonijiet għalihom; preparazzjonijiet tal-ikel komposti omoġenizzati.	Dawk il-preparazzjonijiet biss li fihom il-laħam jew il-ħalib.
ex 2105 00	Ġelat u silġ ieħor li jittiekel, sew jekk ikun fih il-kawkaw jew le.	Dawk il-preparazzjonijiet biss li fihom il-ħalib.
ex 2106	Preparazzjonijiet tal-ikel mhux speċifikati jew inklużi band'oħra	Dawk il-preparazzjonijiet biss li fihom il-laħam jew il-ħalib.

IL-PARTI 2

Lista ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali kif imsemmi fl-Artikolu 2(2)(a)

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Kwalifika u spjega
0511	Prodotti tal-annimali li mhumiex imsemmija jew inklużi band'oħra; annimali mejtin tal-Kapitoli 1 jew 3, li mhumiex tajba għall-konsum mill-bniedem:	
ex 2309	Preparazzjonijiet ta' tip użati fl-għalf tal-annimali	Ikel tal-annimali domestiċi, ikel li jomgħod il-kelb, u ikliet imħallta biss li fihom il-laħam jew il-ħalib

Noti:

1. Kolonna 1: F'każ li huma biss ċerti prodotti taħt kwalunkwe kodiċi li hemm bżonn jiġu eżaminati taħt sorveljanza veterinarja, u ma teżisti ebda subdiviżjoni speċifika taħt din il-kodiċi fin-nomenklatura tal-oġġetti, il-kodiċi hi mmarkata "*ex*" (pereżempju *ex* 1901: huma biss dawk il-preparazzjonijiet li fihom laħam jew ħalib li jridu jiġu inklużi).

2. Kolonna 2: Id-deskrizzjoni tal-oġġetti hi dik kif imniżżla fil-kolonna ta' deskrizzjoni tal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1). Għal aktar spjegazzjoni ta' xi tkopri eżatt it-Tariffa Komuni Doganali, jekk jogħġbok irreferi għall-aktar emenda riċenti ta' dak l-Anness.

3. Kolonna 3: Din il-kolonna tagħti d-dettalji tal-prodotti koperti.

▼B

ANNESS II

IL-PARTI 1

Kunsinni personali ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali kif imsemmi fl-Artikolu 2(1)(b)

Ħalib trab tat-trabi, ikel tat-trabi u ikel speċjali meħtieġ għal raġunijiet mediċi, taħt il-kundizzjonijiet li dawn il-prodotti:

(i) ma jeħtiġux tkessiħ qabel il-ftuħ,

(ii) huma prodotti tad-ditta ppakkjati għall-bejgħ dirett lill-konsumatur finali, u

(iii) li l-imballaġġ ma tqattax sakemm mhux użat attwalment.

IL-PARTI 2

Kunsnni personali ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali kif imsemmi fl-Artikolu 2(2)(b)

Għalf tal-annimali domestiċi speċjali għal raġunijiet mediċi, taħt il-kundizzjonijiet li dawn il-prodotti:

(i) ma jeħtieġx tkessiħ qabel il-ftuħ,

(ii) huma prodotti tad-ditta ppakkjati għall-bejgħ dirett lill-konsumatur finali, u

(iii) li l-imballaġġ ma tqattax sakemm mhux użat attwalment.

▼M1

ANNESS III

(L-avviżi jistgħu jinstabu fuq: http://ec.europa.eu/food/fs/ah_pcad/ah_pcad_importposters_en.html)



▼M1

Il-Kummissjoni Ewropea

Il-mard ma jirrispettax fruntieri



Jekk iddaħħal laħam u prodotti tal-ħalib minn barra l-UE tkun qed tissogra li ddaħħal mard tal-annimali.

Jekk ma tiddikjarax oġġetti bħal dawn, tista' tiġi mmultat jew tiffaċċja prosekuzzjoni kriminali.

Dawn il-prodotti jiġu ssekwestrati u meqruda mal-wasla.

Tista' ddaħħal ammonti żgħar għall-konsum personali:
minn Andorra, mill-Groenlandja, mill-Gżejjer Faeroe, mill-Islanda, mill-Isvizzera, mill-Liechtenstein, min-Norveġja u minn San Marino.

Saħħa u Konsumaturi

▼M3


Il-Kummissjoni Ewropea
ŻOMM IL-MARD TAL-ANNIMALI BARRA L-UNJONI EWROPEA!
IL-VJAĠĠATURI GĦANDHOM JIPPREŻENTAW DAWN IL-PRODOTTI GĦAL KONTROLL UFFIĊJALI *
Prodotti li joriġinaw mill-annimali jistgħu jġorru patoġeni li jikkaġunaw mard infettiv fl-annimali
Hemm proċeduri stretti u kontrolli veterenarji fuq l-intorduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali ġewwa l-Unjoni Ewropea
* Minbarra dawk li jaslu b'ammonti żgħar għall-konsum personali: minn Andorra, minn Greenland, mill-Gżejjer Faeroe, mill-Iżlanda, mill-Iżvizzera, mil-Liechtenstein, min-Norveġja u minn San Marino

▼M3


Il-Kummissjoni Ewropea
ŻOMM
IL-MARD
TAL-ANNIMALI
BARRA
L-UNJONI
EWROPEA!
IL-VJAĠĠATURI
GĦANDHOM JIPPREŻENTAW
DAWN IL-PRODOTTI GĦAL
KONTROLL UFFIĊJALI *
Prodotti li joriġinaw mill-annimali jistgħu
jġorru patoġeni li jikkaġunaw mard infettiv fl-annimali
Hemm proċeduri stretti u kontrolli veterenarji fuq
l-intorduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali ġewwa l-Unjoni Ewropea
* Minbarra dawk li jaslu b'ammonti Żgħar għall-konsum personali:
minn Andorra, minn Greenland, mill-Gżejjer Faeroe, mill-Iżlanda, mill-Iżvizzera, mil-Liechtenstein, min-Norveġja u
minn San Marino

▼B

ANNESS IV

Tagħrif imsemmi fl-Artikoli 3 u 4

Il-Parti 1 — Il-fuljett



Żomm mard tal-annimali li jittieħed barra mill-UE!

Prodotti li joriġinaw mill-annimali jistgħu jkollhom patoġeni li jikkaġunaw mard li jittieħed

Minħabba r-riskju tal-introduzzjoni ta' mard fl-Unjoni Ewropea (UE), hemm proċeduri stretti għad-dħul ta' ċerti prodotti tal-annimali fl-UE. Dawn il-proċeduri ma japplikaw għall-movimenti tal-prodotti tal-annimali bejn is-27 Stat Membru tal-UE, jew għal prodotti tal-annimali li ġejjin minn Andorra, il-Liechtenstein, in-Norveġja, San Marino, u l-Iżvizzera.

Kull prodott tal-annimali li ma jikkonformax ma' dawn ir-regoli għandu jingħata malli jidħol fl-UE sabiex jintrema uffiċjalment. **Nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' tali oġġetti jista' jirriżulta f'ċitazzjoni jew prosekuzzjoni kriminali.**

1. **Kwantitajiet żgħar ta' laħam u ħalib u l-prodotti tagħhom (għajr il-ħalib trab tat-trabi, l-ikel tat-trabi u ikel speċjali jew għalf tal-annimali domestiċi speċjali meħtieġa minħabba raġunijiet mediċi)**

   Tista' biss iġġib jew tibgħat lill-UE kunsinni personali ta' laħam u ħalib u l-prodotti tagħhom (għajr ħalib trab tat-trabi, ikel tat-trabi u ikel speċjali jew għalf tal-annimali domestiċi speċjali meħtieġ għal raġunijiet mediċi) dment li ġejjin ►M2 ———————— ◄, mill-Gżejjer Faeroe, Greenland jew l-Iżlanda u li l-piż tagħhom ma jaqbiżx l-**10 kilogrammi** għal kull persuna.

2. **Ħalib trab tat-trabi, ikel tat-trabi u ikel speċjali meħtieġ minħabba raġunijiet mediċi**

   Tista' biss iġġib jew tibgħat lill-UE kunsinni personali tat-ħalib trab tat-trabi, ikel tat-trabi, u ikel speċjali meħtieġ minħabba raġunijiet mediċi, dment li:

   — ġejjin ►M2 ———————— ◄, mill-Gżejjer Faeroe, Greenland jew l-Iżlanda u li l-piż konġunt tagħhom ma jaqbiżx il-limitu fil-piż ta' **10 kilogrammi** għal kull persuna u li:

   — il-prodott ma jeħtieġx tkessiħ qabel il-konsum;

   — hu prodotti tad-ditta ppakkjati; kif ukoll

   — l-imballaġġ għadu sħiħ sakemm mhux qiegħed jintuża attwalment.

   — ġejjin minn pajjiżi oħra (għajr ►M2 ———————— ◄, il-Gżejjer Faeroe, Greenland jew l-Iżlanda) u li l-piż konġunt tagħhom ma jaqbiżx il-limitu fil-piż ta' **2 kilogrammi** għal kull persuna u li:

   — il-prodott ma jeħtieġx tkessiħ qabel il-konsum;

   — hu prodotti tad-ditta ppakkjati; kif ukoll

   — l-imballaġġ għadu sħiħ sakemm mhux qiegħed jintuża attwalment.

▼B

3. **Għalf tal-annimali domestiċi meħtieġ minħabba raġunijiet mediċi**

Tista' biss iġġib jew tibgħat lill-UE kunsinni personali ta' għalf tal-annimali domestiċi meħtieġ minħabba raġunijiet mediċi, dment li:

— ġejjin ►M2 ——————— ◄, mill-Gżejjer Faeroe, Greenland jew l-Iżlanda u li l-piż konġunt tagħhom ma jaqbiżx il-limitu fil-piż ta' **10 kilogrammi** għal kull persuna u li:

— il-prodott ma jeħtieġx tkessiħ qabel il-konsum;

— hu prodotti tad-ditta ppakkjati; kif ukoll

— l-imballaġġ għadu sħiħ sakemm mhux qiegħed jintuża attwalment

— ġejjin minn pajjiżi oħra (għajr ►M2 ——————— ◄, il-Gżejjer Faeroe, Greenland jew l-Iżlanda) u li l-piż konġunt tagħhom ma jaqbiżx il-limitu fil-piż ta' **2 kilogrammi** għal kull persuna u li:

— il-prodott ma jeħtieġx tkessiħ qabel il-konsum;

— hu prodotti tad-ditta ppakkjati; kif ukoll

— l-imballaġġ għadu sħiħ sakemm mhux qiegħed jintuża attwalment

4. **Kwantitajiet żgħar ta' prodotti tas-sajd għall-konsum personali mill-bniedem**

Tista' biss iġġib jew tibgħat lill-UE kunsinni personali ta' prodotti tas-sajd (inkluż ħut frisk, imnixxef, imsajjar, ippreservat jew affumigat, u xi frott tal-baħar bħall-gambli kbar, awwisti, molluski mejtin u gajdriet mejtin) dment li:

— l-ħut jitnaddaf mill-imsaren;

— il-piż tal-prodotti tal-ħut ma jaqbiżx, għal kull persuna, **l-20 kilogramma jew il-piż ta' ħuta waħda,** ikun xi jkun l-ogħla piż.

Dawn ir-restrizzjonijiet ma japplikawx għall-prodotti tas-sajd li ġejjin mill-Gżejjer Faeroe jew l-Iżlanda.

5. **Kwantitajiet żgħar ta' prodotti tal-annimali għall-konsum personali tal-bniedem**

Tista' biss iġġib jew tibgħat lill-UE prodotti tal-annimali oħrajn, bħall-għasel, gajdriet ħajjin, molluski ħajjin u bebbux pereżempju, dment li:

— ġejjin ►M2 ——————— ◄, mill-Gżejjer Faeroe, Greenland jew l-Iżlanda u li l-piż konġunt tagħhom ma jaqbiżx il-limitu fil-piż ta' **10 kilogrammi** għal kull persuna.

— ġejjin minn pajjiżi oħra (għajr ►M2 ——————— ◄, il-Gżejjer Faeroe, Greenland jew l-Iżlanda) u li l-piż konġunt tagħhom ma jaqbiżx il-limitu fil-piż ta' **2 kilogrammi** għal kull persuna.

Jekk jogħġbok innota li tista' iġġib kwantitajiet żgħar ta' prodotti tal-annimali minn bosta minn dawn il-ħames kategoriji ta' hawn fuq (il-paragrafi 1-5) dment li huma jikkonformaw mar-regoli spjegati f'kull wieħed mill-paragrafi rilevanti.

6. **Kwantitajiet akbar tal-prodotti tal-annimali**

Tista' biss iġġib jew tibgħat lill-UE kwantitajiet ikbar ta' prodotti tal-annimali jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-kunsinni kummerċjali, li jinkludu:

— rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni, kif stipulat fiċ-ċertifikat xieraq veterinarju uffiċjali tal-KE;

— il-preżentazzjoni tal-oġġetti, bid-dokumentazzjoni ġusta, għal stabbiliment ta' spezzjoni fuq il-fruntiera awtorizzat tal-UE għal kontroll veterinarju, malli jaslu fl-UE.

▼B

7. **Prodotti tal-annimali eżenti**

Il-prodotti li ġejjin huma eżenti mir-regoli spjegati qabel:

— Ħobż, kejkijiet, biskuttini, ċikkulata u ħlewwiet (inkluż il-ħelu) mhux imħallta jew mimlija bi prodotti tal-laħam;

— Supplimenti tal-ikel ippakkjati għall-konsumatur finali;

— Estratti tal-laħam u konċentrati tal-laħam;

— Żebbuġ mimli bil-ħut;

— Għaġin u taljarini mhux imħallta jew mimlija bi prodotti tal-laħam.

— Stokkijiet u ħwawar tas-sopop ippakkjati għall-konsumatur finali.

— Kwalunkwe prodotti tal-ikel ieħor li ma fih l-ebda laħam frisk jew ipproċessat jew b'inqas minn 50 % ta' bajd ipproċessat jew prodotti tas-sajd.

8. **Prodotti tal-annimali minn speċi protetta**

Jista' jkun hemm restrizzjonijiet oħra għal ċerti speċi protetti. Pereżempju għall-kavjar tal-ispeċi tal-isturjun, il-limitu fil-piż hu massimu ta' 125 gramma għal kull persuna.

Il-Parti 2 — Vidjow

It-tagħrif stipulat fil-Parti 1 tista' tingħadda permezz ta' vidjow, bħal dak ippubblikat mill-Kummissjoni Ewropea f'din il-webpejġ.

http://ec.europa.eu/food/animal/animalproducts/personal_imports/index_en.htm

▼B

ANNESS V

Ċifri dwar ir-riżultati tal-infurzar tar-regoli dwar l-introduzzjoni tal-kunsinni personali tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali

1.	**Informazzjoni ġenerali**				
Isem tal-Istat Membru					
Is-sena tar-rappurtaġġ					
Numru tal-punti ta' dhul tal-Komunità Ewropea					
2.	**Mekkaniżmi użati biex iqajmu l-għarfien dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali rigward l-introduzzjoni ta' kunsinni personali ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali tul is-sena ta' rappurtar**				
	IVA	Jekk iva speċifika kemm-il darba	LE	Noti	
Posters					
Avviż lill-pubbliku					
Riklamar fuq l-Internet					
Riklamar ieħor					
Oħrajn (speċifika)					
3.	**Infurzar ta' dawn ir-regoli fil-punt ta' dħul fil-Komunità**				
3.1	Isem tal-awtorità/ajjet tal-infurzar				
3.2	Mekkaniżmi użati biex jiġi identifikat il-laħam u l- ħalib illegali f'kunsinni personali tul is-sena ta' rappurtar				
	IVA	Jekk iva speċifika kemm-il darba	LE	Noti	
Tfittxijiet kawżali					
Tfittxijiet immirati					
Klieb imħarrġa biex ixammu għad-drogi jew splużivi					
Taħmir għall-iskennjar					
Oħrajn (speċifika)					

▼B

3.3	Jekk japplika, jekk joghġbok niżżel il-pajjiżi terzi li minnhom il-passiġġieri kienu l-aktar suġġetti għal tfittxijiet immirati u aghti d-dettalji inkluż in-numru ta' tiftix li sar u l-kwantità u t-tip ta' kunsinni personali illegali misjuba (il-lista tista' titkabbar)		
Pajjiż terz	In-numru ta' tfittxijiet imwettqa	Kwantità u t-tip ta' kunsinni illegali misjuba	Noti
3.4	Ghadd totali approssimattiv ta' kunsinni illegali tal-laħam u l-ħalib li jinsab fil-bagalja personali fil-punti tad-dħul fil-Komunità tul is-sena ta' rappurtar		Kummenti:
3.5	Ammont bejn wieħed u ieħor (f'kg) ta' laħam u prodotti tal-laħam meħuda u/jew meqruda mill-bagalja personali wara verifiki implimentati fil-punti ta' dħul tal-Komunità tul il-perjodu ta' rappurtar		Kummenti:
3.6	Ammont bejn wieħed u ieħor (f'kg) ta' ħalib u prodotti tal-ħalib meħuda u/jew meqruda mill-bagalja personali wara verifiki implimentati fil-punti ta' dħul tal-Komunità tul il-perjodu ta' rappurtar		Kummenti:
3.7	Jekk joghġbok niżżel il-ħames pajjiżi terzi li minnhom l-passiġġieri l-aktar li nstabu li kellhom kunsinni tal-laħam u prodotti tal-laħam u ħalib u prodotti tal-ħalib illegali tul il-perjodu ta' rappurtar		
Pajjiż 1			
Pajjiż 2			
Pajjiż 3			
Pajjiż 4			
Pajjiż 5			
Noti			
3.8	Ammont bejn wieħed u ieħor (f'kg) ta' prodotti oħra li ġejjin mill-annimali (għajr laħam u prodotti tal-laħam u ħalib u prodotti tal-ħalib) meħuda u/jew meqruda mill-bagalja personali wara verifiki implimentati fil-punti ta' dħul tal-Komunità tul il-perjodu ta' rappurtar		Kummenti:

▼B

4.	**Infurzar ta' dawn ir-regoli fuq kunsinni żgħar mibgħuta lill-persuni privati jew ordnati mill-boghod (pereżempju, bil-posta, bit-telefown jew permezz tal-Internet) u mibgħuta lill-konsumatur**				
4.1	Isem tal-awtorità/ajiet tal-infurzar				
4.2	Mekkaniżmi użati biex jiġi identifikat il-laham u l-halib illegali f'tali kunsinni personali ta tul is-sena ta' rappurtar				
	IVA	Jekk iva speċifika kemm-il darba	NO	Noti	
Tfittxijiet kawżali					
Tfittixijiet immirati					
Klieb imharrġa biex ixammu ghad-drogi jew splużivi					
Taghmir ghall-iskanjar					
Ohrajn (speċifika)					
4.3.	Jekk japplika, jekk joghġbok niżżel il-pajjiżi terzi li minnhom tali kunsinni personali kienu l-aktar suġġetti ghal tfittxijiet immirati u aghti d-dettalji inkluż in-numru ta' tiftix li sar u l-kwantità u t-tip ta' kunsinni illegali misjuba (il-lista tista' titkabbar)				
Pajjiż terz	In-numru ta' tfittxijiet imwettqa				
4.4	Ghadd totali approssimattiv ta' kunsinni illegali tal-laham u l-halib li jinsab f'tali kunsinni personali tul is-sena ta' rappurtar			Kummenti:	
4.5	Ammont bejn wiehed u iehor (f'kg) ta' laham u prodotti tal-laham mehuda u/jew meqruda wara li jinsabu f'tali kunsinni personali wara verifiki implimentati tul il-perjodu ta' rappurtar			Kummenti:	
4.6	Ammont bejn wiehed u iehor (f'kg) tal-halib u prodotti tal-halib mehuda u/jew meqruda li jinsabu f'tali kunsinni personali wara verifiki implimentati tul il-perjodu ta' rappurtar			Kummenti:	

▼**B**

4.7	Jekk joghġbok niżżel il-hames pajjiżi terzi li minnhom tali kunsinni personali l-aktar li nstabu li kellhom kunsinni tal-laham u prodotti tal-laham u halib u prodotti tal-halib illegali tul il-perjodu ta' rappurtar		
Pajjiż 1			
Pajjiż 2			
Pajjiż 3			
Pajjiż 4			
Pajjiż 5			
Kummenti			
4.8	Ammont bejn wieħed u ieħor (f'kg) ta' prodotti ohra li ġejjin mill-annimali (għajr laham u prodotti tal-laham u ħalib u prodotti tal-halib) meħuda u/jew meqruda wara li nstabu f'tali kunsinni personali wara verifiki implimentati tul il-perjodu ta' rappurtar		Kummenti:
5.	**Kummenti ġenerali**		

Din l-informazzjoni trid titressaq lill-Kummissjoni Ewropea mhux aktar tard mill-ewwel jum ta' Mejju tas-sena minnufih wara t-tmiem ta' kull perjodu ta' rappurtar annwali.

Il-perjodu ta' rappurtar għandu jibda mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru.

It-tagħrif fil-qosor u t-tagħrif rranġat u miġbur flimkien jista' jinstab fil-websajt tal-Kummissjoni Ewropea fuq:

http://ec.europa.eu/food/animal/animalproducts/personal_imports/index_en.htm.

▼B

ANNESS VI

Ċifri mir-riżultati tal-infurzar tar-regoli dwar l-importazzjoni personali ta' laħam u ħalib

L-INFORMAZZJONI BAŻIKA

(a) Stat Membru (jekk joghġbok speċifika) .....

.....

(b) Ghadd bejn wiehed u iehor ta' punti ta' dhul tal-Komunità Ewropea (jekk joghġbok speċifika) .....

.....

(c) Perjodu ta' rappurtar (jekk joghġbok speċifika s-sena) .....

.....

MEKKANIŻMI UŻATI BIEX IQAJMU L-GĦARFIEN DWAR IL-KUNDIZZJONIJIET TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI RIGWARD L-IMPORTAZZJONIJIET PERSONALI.

Jekk joghġbok speċifika l-mekkaniżmi użati mill-awtorità kompetenti biex iqajmu l-gharfien dwar il-kundizzjonijiet tas-sahha tal-annimali rigward l-importazzjonijiet personali. Dan ghandu jinkludi kemm il-mekkaniżmi kif ukoll n-numru ta' drabi li ġew użati (pereżempju posters, avviżi pubbliċi, riklamar supplimentari eċċ).

.....

.....

.....

INFURZAR

(a) Mekkaniżmi użati biex jiġi identifikati l-laham u l-kunsinni tal-laham illegali tul il-perjodu ta' rappurtar (ħassar kif xieraq):

Tfittxijiet doganali kawżali/tfittxijiet doganali mmirati/klieb imħarrġa biex ixammu għad-drogi jew splużivi/tagħmir għall-iskanjar/oħrajn

Jekk joghġbok aghti d-dettalji tal-iskemi tal-infurzar użati tul il-perjodu ta' rappurtar:

.....

.....

.....

(b) Ghadd totali approssimattiv ta' kunsinni illegali tal-laham u l-halib li jinsab fil-bagalja personali fil-punti tad-dhul fil-Komunità tul il-perjodu ta' rappurtar: ..... **(jekk joghġbok speċifika)**

(c) Ammont bejn wiehed u iehor ta' laham u prodotti tal-laham mehuda u/jew meqruda mill-bagalja personali wara verifiki implimentati fil-punti ta' dhul tal-Komunità tul il-perjodu ta' rappurtar:

— ..... kg ta' laham u prodotti tal-laham

— ..... kg ta' halib u prodotti tal-halib

▼B

(d) Jekk joghġbok niżżel il-hames pajjiżi terzi li minnhom l-passiġġieri l-aktar li nstabu li kellhom kunsinni tal-halib u tal-laħam illegali tul il-perjodu ta' rappurtar:

.....

.....

.....

(e) Jekk japplika, jekk joghġbok niżżel il-pajjiżi terzi li minnhom il-passiġġieri kienu l-aktar suġġetti għal tfittxijiet immirati u aghti d-dettalji inkluż in-numru ta' tiftix li sar u l-kwantità u t-tip ta' kunsinni illegali misjuba:

.....

.....

.....

Din l-informazzjoni trid titressaq lill-Kummissjoni Ewropea mhux aktar tard mill-ewwel jum ta' Marzu tas-sena minnufih wara t-tmiem ta' kull perjodu ta' rappurtar annwali.

Il-perjodu ta' rappurtar għandu jibda mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru.

▼B

ANNESS VII

Tabella ta' korrispondenza

Ir-Regolament (KE) Nru 745/2004	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 1(1)	—
L-Artikolu 1(2)	—
L-Artikolu 1(3)	L-Artikolu 2(1)(a)
L-Artikolu 1(4)	L-Artikolu 1(2)
L-Artikolu 2	L-Artikolu 2(1)(b) L-Artikolu 2(3)(a)
L-Artikolu 3(1)	L-Artikolu 3(1) u 3(2)
L-Artikolu 3(2)	L-Artikolu 4
L-Artikolu 4(1)	L-Artikolu 5
L-Artikolu 4(2)	L-Artikolu 6(1)
L-Artikolu 4(3)	L-Artikolu 6(2) u 6(3)
L-Artikolu 5(1)	L-Artikolu 7
L-Artikolu 5(2)	L-Annessi IV, V u VI
L-Artikolu 6	—
L-Artikolu 7(1)	L-Artikolu 11
L-Artikolu 7(2)	L-Artikolu 11
L-Artikolu 7(3)	—
L-Anness I	L-Anness II
L-Anness II	L-Anness III
L-Anness III	L-Anness IV
L-Anness IV	L-Annessi V u VI
L-Anness V	L-Anness I